# MALTA MISSJUNARJA – IT-18-IL PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi




Impressjoni artistika ta' Bango kif nisthajlu jien, xogħol Nathan Miller.

**Bango**: Wara s-suċċess li nkiseb bil-poeżini ta' 'Ġanni, Ġiġi u Ġużi', li dehru bejn Frar u Novembru 1954 fil-paġna 'Il-Klassi tal-Missjunarju x-Xiħ għat-Tfal', DAX, taħt il-psewdonimu ta' 'Il-Missjunarju x-Xiħ', introduċa l-isem fittizju ta' Bango biex iwassal is-soltu messaġġ missjunarju tiegħu lill-qarrejja żgħar. Dawn dehru bejn Jannar u Settembru 1961 strofa strofa kull xahar bil-vers ottonarju u rima abċb. Kull poeżina aktarx tieħu spunt mis-suġġett li jkun qed jiġi diskuss fl-istess paġna, u li min-naħa tiegħu aktarx jimxi skont ix-xahar li jkun. Hekk mela, Jannar hu marbut mal-Istrina u l-festa tas-Santa Infanzja; Frar mal-festa ta' meta l-Madonna ppreżentat lil binha Ġesù fit-Tempju; Marzu u April mar-Randan u mal-Għid rispettivament; Mejju mal-Madonna u Ġunju mal-Qalb ta' Ġesù; Lulju u Awwissu mal-btajjel sajfin, u Settembru mal-bidu ta' sena skolastika ġdida.

Eżatt taħt il-poeżina kont issib kważi dejjem iż-żewġ irkejjen: *Din Hi l-Opra Tagħkom* u *Xogħol Għalikom*. F'din tal-aħħar DAX kien iqabbadhom jagħmlu xi tip ta' xogħol ħafif biex dejjem jikbru fl-imħabba għall-missjoni: biex jibnu album bl-istampi ta' saċerdoti, missjunarji u mhumiex, li jsibu fil-MM u fuq kotba jew gazzetti oħrajn, u jżejnuh bi tpinġijiet, biex kultant jieħdu gost iqallbu fih u jaraw l-opra li jkunu għamlu (Jannar); jissoktaw bil-proġett li jkunu bdew f'Jannar (Frar); biex jaqtgħu l-istampi pulit minn kopja ta' MM antika u jwaħħluhom fuq folja bajda ftit kbira, b'xi sentenza fuq il-missjoni, u jitolbu lis-superjur, lid-delegat jew fejn imorru jitgħallmu d-duttrina, bħala apostolat missjunarju fost sħabhom. (Marzu); biex jieħdu sehem f'pellegrinaġġ li jsir lejn xi santwarju tal-Madonna u jieħdu tfal oħrajn magħhom u flimkien jgħidu r-Rużarju Missjunarju (Mejju); biex fil-festa ta' Corpus imorru għall-purċissjoni u jieħdu tfal oħrajn magħhom (Ġunju); biex waqt il-btajjel twal tas-sajf isibu abbonamenti ġodda fil-MM, jiktbu xena qasira jew djalogu fuq il-missjoni u joqogħdu jaħdmuhom bejniethom (Lulju); biex iġibu buzzetti u drammi żgħar mill-Uffiċċju Missjunarju u joqogħdu jaħdmuhom id-dar (Awwissu); biex jibdew jaħsbu fil-Ġurnata Missjunarja li ssir fix-xahar t'Ottubru billi jibdew jaħsbu fil-wirja li ssir fiċ-Ċirkolu u jibdew iġemmgħu għall-offerta li jkunu sejrin jagħtu (Settembru).

Jannar 1961: Titlu: Is-Saċerdot Kattoliku; Bango: *Qlajt xi ħaġa nhar l-Istrina / Warrabt minnha sixpence ġdid; / Għax miktub fis-Santa Infanzja / U b'hekk nagħmel xi ftit ġid!*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Il-Papa Piju XII (1876-1958) għoġbu jikkmanda li ssir kull sena l-Festa tas-Santa Infanzja. Dan ifisser li din l-Opra tagħkom kienet għal qalbu mhux ftit. Hu stess ried li jkun il-protettur tagħha. Intom mortu għall-Festa li saret fil-Parroċċa tagħkom? Tajtu xi sold strina għal din l-Opra? (Sena XXIX, Jannar 1961, nru 1, p.22)

Frar 1961: Titlu: L-Ordinazzjoni; Bango: *Jien illum drajt naqra sewwa / Naqra l-'Malta Missjunarja'; / Xi rakkont naqra lil ommi / Jew xi paġna sbejħa varja!*; Din Hi l-Opra Tagħkom: F'dan ix-xahar ftakarna fil-festa ta' meta l-Madonna ppreżentat lil binha Ġesù fit-Tempju. Ġibu quddiem għajnejkom il-ferħ ta' ħafna sorijiet missjunarji meta jieħdu fit-tempju xi tarbija, minn dawk li jkunu sabu barra, biex jgħammduha! Qatt ġemmajtu xi 2s.6d. biex tagħtu RISKATT TA' TARBIJA? (Sena XXIX, Frar 1961, nru 2, p.46


Frar - ix-xahar li jfakkarna fil-festa ta' meta l-Madona ppreżentat lil Ġesù fit-Tempju.

Marzu 1961: Titlu: Morru Għand Kulħadd; Bango: *Imsejknin il-Missjunarji / Xi tbatija jsofru w ġuħ; / Jien irrid insum għalihom; / Żgur* dat-talb ikun milqugħ!; Din Hi l-Opra Tagħkom: Dan ix-xahar ifakkarna fil-penitenza li l-Insara għandhom jagħmlu permezz tas-sawm tar-Randan. Ftit wara jfakkarna fit-tbatija u l-mewt ta' Kristu. Tafu xejn li għad fadal miljuni ta' nies, ta' tfal bħalkom li għadhom pagani? X'nistgħu nagħmlu għalihom? Tista' tagħmel sawma ta' ġurnata biex titlob għat-tfal infidili? (Sena XXIX, Marzu 1961, nru 3, p.70)

April 1961: Titlu: Min Sema' u Min Le; Bango: *Xtaqt li kelli xi figolla / Għax tal-Għid dan huwa ż-żmien; / Lit-tfal foqra tal-Missjoni / Kont nagħtiha żgur żgur jien.*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Alleluia! Din il-kelma, f'dan iż-żmien tal-Għid, nisimgħuha ħafna drabi. Il-ferħ tal-qawmien ta' Kristu! Imma kemm miljuni ta' nies, li għandhom ruħ bħal tagħna, ma jifirħux, għax għalihom Kristu mhu ħadd. Jitwieldu u jmutu bħall- annimali. Nitolbu li jasal għandhom il-missjunarju u jgħallimhom il-verità tal-Fidi. (Sena XXIX, April 1961, nru 4, p.94)

Mejju 1961: Titlu: Is-Saċerdot Huwa Missier; Bango: Żagħżugħ iswed fil-Missjoni, / *Xtaqt li kieku jsir qassis; / It-Tfal taw is-soldi tagħhom, / Il-kbar taw il-liri fis.*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Mejju, ix-xahar tal-Madonna. Kemm tħossha tislitlek qalbek it-talba li tgħidu kuljum lilha: "Imqaddsa Verġni Marija, itlob għalina u għall-imsejkna tfal infidili!" Għiduha bil-qalb biex il-Madonna tgħin it-tfal bħalkom li m'għandhomx l-istess xorti tagħkom. (Sena XXIX, Mejju 1961, nru 5, p.118)


Ġunju - ix-xahar tal-qalb ta' Ġesù, ix-xahar tal-imħabba.

Ġunju 1961: Titlu: Is-Saċerdot Huwa Re; Bango: *Il-Knisja kollha mżejna / quddiem is-Sagrament; / u Bango qiegħed jitlob / ferħan kollu kuntent.*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Ix-xahar tal-qalb ta' Ġesù, ix-xahar tal-imħabba. Forsi wkoll ix-xahar tal-eżamijiet għal ħafna minnkom. Għal oħrajn tibda s-sħana. Ftakru biex toffru kollox għall-konverżjoni ta' tant tfal infidili. (Sena XXIX, Ġanni 1961, nru 6, p.142)

Lulju 1961: Titlu: Min Huma s-Sħaħar; Bango: *L-iskola daqt tispiċċa, / Bdew il-vaganzi sbieħ; / Xogħol kbir jistenna 'l Bango; / Missjoni! M'hemmx mistrieħ!*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Kemm miljuni ta' tfal mhumiex Kattoliċi bħalna. Eluf qegħdin taħt il-ħarsien tal-Opra tas-Santa Infanzja. Oħrajn kontra r-reliġjon f'pajjiżi Kommunisti. Oħrajn pagani. X'ħasra, meta nafu li d-Demm ta' Kristu xtered għalihom ukoll. Intom tagħmlu sehem minn Kroċjata kbira ta' mseħbin biex issalvawhom. (Sena XXIX, Lulju 1961, nru 7, p.167)

Awwissu 1961: Titlu: Il-Bniedem tas-Sema; Bango: *Issa spiċċat l-iskola / L-istudju spiċċa wkoll; / Il-kotba tal-Missjoni / Naqbadhom issa lkoll.*; Din Hi l-Opra Tagħkom: Ix-xhur tas-sajf tal-vaganzi, tal-logħob, ix-xalar mal-ħbieb, villeġġjatura... U kieku wieħed jiftakar li hemm miljuni ta' tfal, bla skola, bla dar, bla ħbieb! Dawk li huma xxurtjati jsibu l-qalb ħanina tas-sorijiet, tal-missjunarji u tagħkom. Tinsewhomx! (Sena XXIX, Awwissu 1961, nru 8, p.190)

Settembru 1961: Titlu: Is-Saċerdozju Kattoliku; Bango: *Din hija l-aħħar dehra / Tiegħi, lit-tfal Maltin; / Is-sliem; Ġesù jberikkom, / MISSJONI! Tfal twajbin!*; Din Hi l-Opra Tagħkom: L-iskejjel tagħkom huma mill-isbaħ, komdi; dawk li jgħallmukom nies mill-aħjar; ommkom tagħtikom il-ħobż u l-ħelu għar-rekreazzjoni. Fl-artijiet tal-missjoni t-tfal jew m'għandhomx skejjel, jew huma foqra ħafna. Aħsbu fihom, studjaw, forsi 'l quddiem għad tistgħu tgħinuhom b'xi manjiera. (Sena XXIX, Jannar 1961, nru 9, p.214)

Wara Settembru, Bango waqaf milli jkompli jikteb aktar poeżiji. Minflok, għax-xahar t'Ottubru, DAX, fl-istess paġna għat-tfal, tana buzzett għall-Ġurnata Missjunarja bl-isem ta' *Il-Qanpiena tal-Wied* li semmejna aktar 'il fuq. Għal Diċembru mbagħad, tana rakkont natalizju: *Milied ta' Missjunarju* (Sena XXIX, Diċembru 1961, nru 12, pp.286-7)

**[1962-1966]**: Is-sena 1962 mhux biss hija s-sena li fiha jiena twelidt, imma timmarka wkoll l-40 sena ħajja tar-rivista. F'dawk li huma poeżiji nsibu Ħolma Missjunarja (Sena XXX, Diċ. 1962, nru 12, pp.269-270), poeżija ta' soru fil-missjoni bi 15-il strofa endekasillaba u rima abċb; *Sliem Għalik,*



Dun Anton Xiberras (1922-2006) - impressjoni artistika ta' Charles Attard, skultur Naxxari.

*Marija* (Sena XXXI, Mej. 1963, nru 5, p. 102), għanja ta' Clemente Zammit minn B'Kara, b'żewġ strofi t'10 versi l-waħda, jew inkella, żewġ kwartini u distiku bir-rima li ġejja: abċb+defe+ġe; *Il-Missjunarji fl-Afrika* (Sena XXXI, Sett. 1963, nru 9, p.213), poeżija ta' Pietru Pawl Theuma (1922-?) – poeta minn Ħal Luqa, kittieb ukoll ta' suġġetti sagri – b'disa' strofi endekasillabi; *Żagħżugħ Qalbieni* (Sena XXXIII, Jannar 1965, nru 1, p.9), sunett Shakesperjan ta' Bro. George Mercieca, Kjeriku Sależjan, li mbagħad laħaq qassis fl-1974[1]. Min-naħa tiegħu, DAX tana buzzett missjunarju għall-Milied: *Il-Bambin li Tkellem* (Sena XXXX, Diċembru 1962, nru 12, pp.284-5), li fih jieħdu sehem Patri Dward, Evelyn, Anton u Dorothy. Ix-xogħol f'att uniku b'suġġett serju, qasir u fi stil mexxej, deher fil-paġna tas-soltu ddedikata għat-tfal: *Il-Missjunarju x-Xiħ Jiltaqa' mat-Tfal Tagħna*. ■

[1] Dan il-poeta u artikolista Għawdxi, li wħud mill-poeżiji tiegħu dehru wkoll f'ġurnali barranin, huwa l-awtur t'għadd ta' pubblikazzjonijiet, fosthom poemetti – poemi żgħar imtarrfa bil-poeżija. Huwa twieled fl-1944 u miet fl-2015.

FAITH HOPE & CHARITY
GIFT SHOP

Sibna wkoll fuq Facebook: **Faith Hope & Charity**
**Qed nagħmlu 'Home Deliveries'**



**Il-ħanut qed ikun miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00am u s-6:00pm.**
**Is-Sibt bejn id-9:00am u s-1:00pm.**

**Tista' wkoll tixtri onlajn mill-ħanut Faith Hope & Charity billi żżur https://zaype.com/FHCshop**

**7, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta • Tel: 21234328**